MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 396/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-8 ta’ Mejju 1976 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Patricia Hall fid-19 ta’ Dicembru 2005 (kopja annessa Dok B);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal illum kollha maggorenni;

Illi l-manteniment dovut lill-intimata skont il-kuntratt in atti Nutar Dottor Patricia Hall, dejjem gie mhallas mir-rikorrent;

Illi sal-lum ghaddew aktar minn seba’ (7) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Josephine Scicluna bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqsant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi hija m’ghandiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt;

Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta’ manteniment qeghdin jigu rispettati u f’dan l-istadju m’hemmx arretrati u ghaldaqstant l-esponenti ma topponiex ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi in oltre, l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u m’hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu;

Ghaldaqstant toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma’ din il-kawza.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Awissu, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat illi l-intimata permezz ta’ Nota  talbet illi tirriverti ruhha ghal kunjom xbubita u cioe’ Micallef;

Rat illi il-kontro-parti ma opponietx u li l-Qorti permezz ta’ digriet tas-6 ta’ Jannar 2014 laqghet it-talba taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Dicembru 2005 illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Micallef, tilqa it-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------